**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA. LL.D.**

**Illum, 12 ta' Mejju 1999**

**Rikors Nru: 4/97B**

**Giuseppe Vella**

**vs**

**Carmelo Gauci, Grace sive Grazia Vella, u Paola Zahra**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti wara li ippremetta;

1) illi l-istess rikorrent jqabbel lill-intimati ir-raba ossija ghalqa tal-kejl ta' tomna u nofs ekwivalenti ghal 1685.47 metri kwadri id-Dwejra limiti tar-Rabat, Malta versu l-qbiela ta' lira Maltija (Lm1) fis-sena li jithallas b'lura fil-15 ta' Awissu kull sena. L-ewwel skadenza hija fil-15 ta' Awissu 1997.

2) Illi l-esponenti ghandu bzonn l-imsemmija ghalqa biex jigi uzat ghal skopijiet agrikoli minnu u minn ibnu personalment.

Talab prevja il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-intimati, jekk huma ghandhom dritt ghalih skond il-ligi, lil dan il-Bord l-esponenti jitolbu umilment li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tar-raba fuq imsemmija ghal ragunijiet premessi.

Ra r-risposta tal-intimat fejn esponew;

1) Illi r-raba in kwistjoni ilha tinhadem minnhom u mill-antenati taghhom ghal sittin sena cirka;

2) Illi huma gabillotti u x-xoghol taghhom huwa dak tar-raba u huma qeghdin juzaw l-ghalqa in kwistjoni  ghall-iskopijiet purament agrikoli;

3) Illi r-raba in kwistjoni tifforma parti integrali mill-ghixien taghhom;

4) Illi l-bzonn taghhom ghall-istess raba huwa ferm akbar minn dak tar-rikorrenti fuq imsemmi.

5) Illi  ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra it-talba tal-intimati, skond kif rizultanti mill-verbal tas-seduta tat-8 ta' Gunju 1998 sabiex tinghata "sentenza liberatorja" ghar-raguni hemm premess.

Ra r-rikors tal-istess rikorrenti ipprezentat fit-23 ta' Settembru 1998 u r-risposta relattiva ipprezentata fit-23 ta' Ottubru 1998.

Ikkunsidra;

Illi t-talba tal-intimati hi ibbazata fuq is-segwenti fatti:-

1) Fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 1997 (ara fol 7 ibid) kemm r-rikorrenti kemm l-Avukat Difensur tieghu ma kienux dehru avolja kienu prezenti l-intimati u d-difensur taghhom. Bhala konsegwenza inghata differiment mill-Bord "ghall-provi kollha tar-rikorrenti".

2) Kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-8 ta' Gunju 1998, ir-rikorrenti u l-Avukat Difensur tieghu ma dehrux u ghalhekk l-intimati permezz tal-avukat taghhom ghamlu t-talba in ezami.

3) Permezz ta' rikors sussegwenti prezentat fit-23 ta' Settembru 1998 u ghar-ragunijiet hemm premessi ossija "zball fid-dati tas-seduti tal-kawza" u safar da parti tal-Avukat difensur tal-istess rikorrenti, dan talab lill-istess Bord sabiex jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza in konnessjoni mat-talba tal-intimati in ezami. L-istess talba giet sussegwentement, opposta skond kif rizultanti mir-risposta rellattiva tal-intimati.

Ikkunsidra:

Illi in rigward il-premess issir referenza ghall-artikolu 199(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tirregola il-materja in ezami.

Ikkunsidra:

Illi kemm fuq bazi tal-fatti kif hawn fuq esposti, kemm ta' kazi ta' ligi, jidher li t-talba tal-intimati hi pjenament gustifikata.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talba tal-intimati u "seduta stante" jordna li l-istess intimati jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Alan Calleja
Dep.Reg. Magistrat